

## Dispożittiv

- (1) Sa fejn jikkonċernaw lil Fulmen u lil Fereydoun Mahmoudian, huma annullati:
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK;
  - ir-Regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010, tas-26 ta' Lulju 2010, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran,
  - id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413;
  - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007.
- (2) L-effetti tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/644, jinżammu fdak li jirrigwarda lil Fulmen u lil F. Mahmoudian sa kemm jidħol fis-seħħ l-annullament tar-Regolament Nru 961/2010.
- (3) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.
- (4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jibati, minbarra l-ispejjeż tiegħi, dawk ta' Fulmen u ta' F. Mahmoudian.
- (5) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 328, 04.12.2010.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012 — Banco Bilbao Vizcaya Argentaria vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-225/10) <sup>(1)</sup>

“Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà”

(2012/C 133/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u C. Urraca Caviedes, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implementata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

## Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 179, 03.07.2010.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012 — Telefónica vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-228/10) <sup>(1)</sup>

“Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju fil-każ tal-akkwist ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Att li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà”

(2012/C 133/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Telefónica, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado, M. Núñez-Müller u J. Domínguez Pérez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u C. Urraca Caviedes, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implementata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

## Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Telefónica, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 195, 17.07.2010.